**Kunsill Lokali Ħamrun**
**Triq id-Duka ta' Edinburgh**
**Ħamrun**
**Tel: 21222020 / Fax: 21221522**

Saret it-tliet mija u tletin laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħamrun nhar il-Ħamis 31 ta' Ottubru 2013 fil-5.30pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

## 1. Preżenti

| | |
|---|---|
| Is-Sur Vincent Bonello | Sindku |
| Is-Sur Christian Sammut | Viċi Sindku |
| Is-Sinjura Carmen Borg | Kunsillier |
| Is-Sinjura Judith Bugeja | Kunsillier |
| Is-Sur Mario Caruana | Kunsillier |
| Is-Sur Gaetano Cuschieri | Kunsillier |
| Is-Sur Cedric Valleta Minst SMM (UK), MCIM (UK), M.B.A. (Maastricht) | Kunsillier |

## 2. Talba

Is-Sindku qal it-talba.

## 3. Approvazzjoni tal-minuti

Il-minuti tat-tliet mija u disgħa u għoxrin laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħamrun ġew approvati unanimament.

## 4. Punti li joħorġu mill-Minuti

### *4.1 Tender - Live-Streaming*

Il-Kunsill iddeċieda unanimament li l-perjodu li fiha jkunu jistgħu jintlaqgħu l-offerti għat-Tender tal-*Live Streaming* għandu jkun anqas minn 30 jum. Dan minħabba l-urġenza li s-sistema tibda titħaddem fit-tieni ġimgħa ta' Diċembru. Dan konformi mar-Regolamenti tat-*Tendering* maħruġa mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Ġie deċiż li l-offerta tingħalaq wara 13-il jum.

*4.2 Tender – Servizzi ta' Accountant*

Il-Kunsill iddeċieda li tinħarġ *Tender* għas-servizzi ta' *Accountant*. Din id-deċiżjoni ttieħdet wara li l-Awdituri għamlu rakomandazzjoni f'dan ir-rigward fil-*Management Letter*.

*4.3 Obelisk*

Is-Sindku spjega li ser jitlob sabiex issir laqgħa mal-awtoritajiet kompetenti biex tiġi diskussa l-possibilta li l-Obelisk jiġi żarmat u mibni f'post ieħor aċċessibbli għall-pubbliku.

*4.4 Toqob għall-armar tal-Festa*

Ġie deċiż li tintbgħat ittra lill-Għaqdiet u lill-Kappillan biex jieħdu ħsieb il-manutenzjoni tal-għotjin tat-toqob tal-armar tal-Festa.

*4.5 Truf tal-bankini*

Il-Kuntrattur tal-Kunsill J&K Contractors ser jieħu ħsieb jagħmel l-aċdu fit-truf tal-bankini fi Triq il-Kbira San Ġużepp biex ma jibqgħux jiżolqu.

## 5. <u>Korrispondenza</u>

Il-Kunsilliera ngħataw kopja tal-lista tal-korrispondenza li rċieva l-Kunsill bejn is-27 ta' Settembru u l-31 ta' Ottubru 2013.

*5.1 NCPE – Parkeġġ riservat*

Il-Kunsill irċieva talba mill-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza sabiex ikollhom parkeġġ riservat għall-Kummissarju viċin l-uffiċini tagħhom. Ġie deċiż li t-talba tiġi riferuta lill-Transport Malta.

*5.2 Sur Robert Vella – Allegat ħsarat*

Il-Kunsill irċieva ittra mis-Sur Vella fejn allega li għamel ħsarat fil-vettura tiegħu meta għadda minn ħofra fi Triq Manwel Magri. Ġie deċiż li l-Kunsill jitlob lill-avukat tal-Kunsill biex tikteb uffiċjalment lis-Sur Abela u tinfurmah li l-Kunsill qed jirrispinġi t-talba tiegħu għal kumpens tal-ħsarat li jammontaw għal €102.00 peres li l-hofra ma kienitx responsabbilta tal-Kunsill iżda tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma. Dan peres li hemm tappiera tad-drenaġġ fil-post konċernat.

Fis-6.25p.m s-Sur Cedric Valletta daħal għal-laqgħa.

*5.3 Transport Malta – One-way system*

Il-Kunsill ġie nfurmat li Transport Malta irċeviet talba biex l-eweel parti ta' Triq it-Trinita Mqaddsa li tmiss ma' Triq il-Kbira San Ġużepp issir one-way. Huma

talbu l-kummenti tal-Kunsill. Ġie deċiż li ssir spezzjoni biex jiġi stabbilit kif jiġu affetwati toroq oħra.

*5.4 Rica Pica Take Away – Un/Loading Bay*

Il-Kunsill irċieva talba mingħand Rica Pica Take Away biex issir *Un/Loading Bay* quddiem il-ħanut fi Triq il-Kbira San Ġużepp, Ħamrun. Ġie deċiż li din it-talba tiġi riferuta lil Transport Malta

*5.5 Sinjura Ruth Spiteri – Sigurta'*

Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Sinjura Spiteri fejn talbet li jittieħdu miżuri biex jiżdied is-sigurta' fil-Qasam tal-Gvern tar-Rabbat. Hija suġġeriet li ssir sistema ta' CCTV fl-inħawi. Il-Kunsill iddeċieda li mhix prattika u wisq anqas vijabbli li jiġu nstallati CCTV *cameras* minħabba li l-Kunsil irid jaħseb għal-lokalita' kollha u mhux il-Qasam tal-Gvern biss. Ġie deċiż li jinforma lis-Sinjura Spiteri li ser issir talba lill-pulizija biex isiru aktar *patrols* u sorveljanza fil-Ħamrun.

*5.6 Dipartiment għall-Gvern Lokali – Attivitajiet Kulturali 2013/14*

Il-Kunsilli Lokali ġew infurmati li nfetħet l-iskema dwar Inizjattivi ta' Attiviatjiet 2013/14. L-applikazzjonijiet agħlqu fid-29 ta' Novembru 2013. Il-Kunsill iddeċieda li iisr applikazzjoni għall-attivta tal-ĦamrunFest fl-24 ta' Mejju 2014 u l-Festival taċ-Ċikkulata fit-18 ta' Ottubru 2014.

*5.7 Dipartiment għall-Gvern Lokali – Ambaxxaturi Żgħażagħ tal-Kunsilli Lokali*

Il-Kunsilli Lokali ntalbu jinnominaw Żgħażugħ/a bħala Ambaxxatur tal-Kunsill Lokali. Din il-persuna trid tkun ta' eta 16 jew 17. In-nomina trid tintbgħat sal-Ġimgħa 8 ta' Novembru 2013. Ġie deċiż li jsir avviz fuq in-*notice boards* tal-Kunsill u li ssir laqgħa ta' urġenza fil-5.30p.m nhar il-Erbgħa 6 ta' Novembru 2013.

*5.8 Sur Victor Sceberras – Parkeġġ faċċata tal-garaxx*

Is-Sur Sceberras talab sabiex jitneħħa l-parkeġġ tal-vetturi faċċata tal-garaxx li għandu 78, Triq Fra Gaetano Pace Forno ħalli jkun jista joħroġ u jdaħħal il-vettura mill-istess garaxx. Ġie deċiż li t-talba tiġi riferuta lill-Transport Malta.

*5.9 Assoċċjazzjoni Kunsilli Lokali - Laqgħa*

Il-Kunsill ġie mistieden jattendi laqgħa mal-Assoċċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali nhar il-Erbgħa 13 ta' Novembru 2013 mis-7.00p.m sas-7.30p.m.

*5.10 Go – Removal of Payphones*

Il-Kunsill ġie nfurmat li l-Kumpanja Go ser tneħħi l-*Payphones* li hemm fi Triq Anton Buttigieg, Triq Giovanni Barbara, Triq il-Kanonku Bonnici u Triq Mountbatten minħabba li naqas drastikament l-użu tagħhom.

*5.11 Aġenzija Żgħażagħ - Kunsilli Lokali Żgħażagħ*

Il-Kunsilli Lokali ntalbu jikkonfermaw jekk iridux japplikaw għall-Kunsill Lokali Żgħażagħ 2013/14. Il-Kunsill approva unanimament li japplika.

## 6. Rapporti tas-Sotto Kumitati

*6.1 Sotto Kumitat 1*

- Is-Sindku nforma lill-Kunsill li Transport Malta approvat gġħal żmien ta xahar prova li d-direzzjoni tat-traffiku fi Pjazza Kappillan Muscat jinqaleb bi dħul minn Triq Kappillan Mifsud. Dan sabiex isir parkeġġ bl-*exhaust* 'il barra. Id-direzzjoni tat-traffiku fi Triq Kappillan Valletta irid jinbidel ukoll.

- Ġie deċiż li nhar il-Ġimgħa 8 ta' Novembru 2013 fis-6.00p.m issir laqgħa għar-residenti ta' Sqaq Kamelja u Sqaq Mikiel Anton Vassalli sabiex jiġu diskussi l-problemi relatati mal-parkeġġ abbusiv u passaġġ ta' vetturi f'dawn l-isqaqien.

- Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kellu laqgħa mas-Supretendent tal-Ħamrun dwar il-problemi ta' żgħażagħ fil-Ħamrun. Huwa semma wkoll l-attentat ta' żgass fl-Uffiċċju Amministrativ tal-Kunsill. Is-Supt. Magri spjega li għandu problema ta' riżorsi umani u għalhekk ma kienx possibbli li jżid il-patrols. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li nhar it-Tnejn 4 t' Novembru ser ikollu laqgħa mal-Kummissarju tal-Pulizija f'dan ir-rigward.

  Is-Sur C Valletta spjega li kien importanti li ssir din il-laqgħa għaliex is-sitwazzjoni ta' nuqqas ta' preżenza tal-pulizija fit-toroq marret għall-għar.

*6.2 Sotto Kumitat 2*

- Il-Viċi Sindku nforma lill-Kunsill li l-operaturi ta' Galaxy Radio offrew li jxandru reklam mingħajr ħlas dwar is-servizzi tal-ġbir ta' skart u ndafa fil-Ħamrun.

- Il-Viċi Sindku ppropona lijsiru posters dwar l-indafa biex titqajjem kuxjenza fost ir-residenti tal-Ħamrun.

- Il-Viċi Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li r-*roundabout* quddiem l-iscouts għadu bil-ħmieġ taċ-Chocolate Festival. Is-Sindku spjega li ser ikellem lill-Kuntarttur ELC. Huwa tenna li l-knis għadu mhux isir tajjeb u li l-kuntrattur qed iħalli boroż tal-iskart.

  Is-Sur C Valletta staqsa għaliex il-Viċi Sindku talab li ma jibqax responsabbli mill-indafa. Il-Viċi Sindku spjega li r-raġuni kienet li ma kienx kuntent biss servizzi tal-indafa. Huwa qal li l-kuntrattur ma kienx qed jagħmel xogħolu sew u suġġerixxa li tinħariġlu *Default Notice*. Is-Sindku spjega li fil-Ħamrun qed ikun hwan ħafna ħmieġ ġenerat minn numru kbir ta' skejjel fil-lokal u persuni li jiġu jixtru.. Huwa ssuġġerixxa li tinħareġ ittra ta' twissijja kif ukoll jintalab

jattendi l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss. F'każ li s-servizz jibqa' l-istess, mix-xahar id-dieħel jinħarġu Default Notices.

*6.3 Sotto Kumitat 6*

- Is-Sur C Valletta staqsa jekk bħas-snin preċedenti l-Kunsill kienx ser iħallas għall-arloġġi temporanji u l-konsum tad-dawl għat-tiżjien tal-Milied kif ukoll il-P.A System. Il-Kunsill approva unanimament li jsir il-ħlas relatat.

- Is-Sur C Valletta ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar studju li sar dan l-aħħar mill-kumpanija *Price WaterHouse Coopers* fejn irriżulta li l-Ħamrun ġie l-aħħar post fost il-ċentri kummerċjali f'Malta kif ukoll li jeżisti sentiment negattiv fost is-sidien tal-ħwienet. Huwa spjega li f'laqgħa li kellu ma Intrapreditur ġie suġġerit il-possibilta li ssir laqgħa mas-sidien tal-ħwienet biex possibilment issir kampanja ta' reklamar u skonti.

*6.4 Sotto Kumitat 4*

- Is-Sur M Caruana fakkar lill-Kunsilliera biex jipprovdu l-artikli għall-fuljett sa nhar it-Tlieta 5 ta' Novembru 2013. Huwa spjega li ser jibdew jidhru xi artikli tl-Profs. Mangion dwar l-itorja tal-Ħamrun.

- Is-Sur M Caruana nforma lill-Kunsill li l-eżerċizzju tat-tilqim tal-influwenza tlesta fejn ingħataw madwar 8750 tilqima. Huwa rringrazzja lill-istaff tal-Kunsill u lill-Infermiera.

- Is-Sur M Caruana spjega li għal-laqgħat dwar is-saħħa qed jattendu 'l fuq minn 80 persuna. Minħabba f'hekk il-Kunsill approva li jinxtraw aktar siġġijiet għas-sala tal-Kunsill.

*6.5 Sotto Kumitat 3*

- Is-Sinjura C Borg infurmat lill-Kunsill li attendiet laqgħa dwar ir-*Renewable Energy*. Hija ssuġġerit li ssir laqgħa għar-residenti f'dan ir-rigward.

- Is-Sinjura C Borg infurmat lill-Kunsill li bħala parti mill-korsijiet tal-*Lifelong Learning* ser isir kors tal-*Monastair* filwaqt li l-korsijiet tal-kompjuter ser jibdew fis-27 ta' Novembru 2013.

- Is-Sinjura C Borg infurmat lill-Kunsill li l-attivitajiet tal-Milied tas-sotto kumitat ser isiru fis-sala tal-Parroċċa tal-Kunċizzjoni.

## 7. <u>Festival taċ-Ċikkulata</u>

- Is-Sur C Valletta staqsa jekk saretx stedina lix-Shadow Minister tal-Gvern Lokali għall-Konferenza Stampa li saret għall-Festival taċ-Ċikkulata. Is-Sindkuy spjega ma kienx il-prassi tal-Kunsill sallum li jagħmel stediniet simili.

Is-Sur Cedric Valletta ressaq mozzjoni sabiex ix-Shadow Minister jibda jiħi mistieden f'attivitajiet organizzati mill-Kunsill. Is-Sinjura Judith Bugeja ssekondat.

Ir-riżoluzzjoni ġiet approvata unanimament.

- Is-Sinjura J Bugeja lmentat li suppost Triq Indri Cilia baqgħet vojta filwaqt li s-Sur Mario Camilleri kien qal lis-sid tal-ħanut Gutz li fi Triq id-Duluri quddiem il-ħanut tiegħu kien ser ikun hemm *stalls* tal-artiġjanat. Dan ma sarx. Is-Sinjura C Borg resqet dan l-ilment lis-Sur Camilleri, imma kien għalxejn.

  Ġie lmentat ukoll li kien hemm perjodu li parti mit-toroq għamlu 10 minuti fid-dlam. Is-Sur C Valletta staqsa għaliex ma kienx hemm fustuni. Ġie spjegat li l-Kunsill ġie nfurmat li l-*floodlights* kienu ser ikunu biżżejjed u orħos.

- Il-Kunsill iddeċieda li s-Sinjura Francelle Pace Agius għandha titlob apoloġija lill-Kunsill għal kliem dispreġġattiv li poġġiet fuq il-Facebook. Is-Sindku spjega li kien ser ikellimha f'dan ir-rigward.

Fit-8.30p.m. il-Kunsill approva unanimemnt li jkompli bil-laqgħa.

- Is-Sur M Caruana lmenta li l-postijiet tal-*istalls* ma kienux kif kien miftiehem ma' Mario Camilleri.

- Is-Sur C Valletta staqsa x'ser isir mill-mudelli taċ-ċikkulata? Is-Sindku spjega li dawn ser jiġu esebiti fl-*Embassy Theatre* il-Belt fejn ser jinġabru donazzjonijiet għall-Istrina.

- Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dakinhar tal-Festival taċ-Ċikkulata kien irċieva telefonata minn sid ta' ħanut li lmenta minħabba li t-toroq ingħalqu fis-6.00 a.m għalxejn. Is-Sindku spjega li meta talab lil Mario Camilleri biex jerġgħu jinfetħu t-toroq sakemm jibda l-armar, dan irrifjuta. Ġie spjegat li trid tinsab soluzzjoni biex fil-futur ma jiġux affetwati l-ħwienet. Is-Sindku lmenta wkoll għall-fatt li kien hemm ħafna *stalls* tat-*toys*.

Fid-9.00p.m s-Sur Cedric Valletta ġie skużat mil-laqgħa.

- Il-Kunsill irċieva ittra mill-Għaqda Muzikali San Gejtanu fejn talbu biex il-laqgħat mal-għaqdiet isiru żmien raġonevoli qabel l-attivita.

- Is-Sinjura C Borg ilmentat li l-qsam tal-artiġjanat ma ngħatax l-importanza tiegħu waqt l-attivta ta' din is-sena.

## 8. <u>Bord tal-Għażla – Vakanza ta' Segretarju Eżekuttiv</u>

Is-Sindku, Viċi Sindku, s-Sinjura C Borg u s-Sur C Valletta flimkien mal-Aġent Segretarju Eżekuttiv inħattru fil-Bord tal-Għażla għall-ingaġġ ta' Segretarju

Eżekuttiv ġdid. F'każ li s-Sur C Valletta ma jkunx jista jattendi, s-Sur G Cuscieri nħatar bħal sostitut tiegħu.

## 9. Schedule of Payments

Il-Kunsilliera ngħataw kopja tal-lista tal-kontijiet li rċieva l-Kunsill sal-31 ta' Ottubru 2013 (kopja mehmuża ma' dawn il-minuti).

Il-Kunsill approva unanimament il-ħlas tal-istess kontijiet.

## 12. Aġġornament

Il-laqgħa spiċċat fid-9.05pm.

____________________
Vincent Bonello
Sindku
Kunsill Lokali Ħamrun

____________________
Philip Massa
A/Segretarju Eżekuttiv
Kunsill Lokali Ħamrun

____________________
DATA